MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 556/2013

Appell Nru: 556/2013

Il-Pulizija

Spettur Joseph Busuttil

Vs

Stefania Mifsud

Illum, 15 ta' Jannar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Stefania Mifsud, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 317178M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-13 ta' Gunju, 2013 ghall-habta tal-23:30hrs u matul il-granet ta' qabel fi Triq ta' Zandu, San Pawl il-Bahar:

1. Kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied;
2. U aktar talli qalet kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

3. U aktar talli gabet ruha b'mod li tat fastidju lil Gordon Agius'
4. U aktar talli kienet taf jew messha kienet taf li kienet ta' fastidju ghall-istess Gordon Agius;
5. Ghamlet ingurji w/jew theddid lil Gordon Agius mhux imsemmija band' ohra f'dan il-kodici jew jekk kienet ipprovokata ingurjat b'mod li harget barra mill-limitu tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Gordon Agius.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-29 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat Artikoli 338 (dd), 342, 251A (1)(a), 251A(1)(b) u 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja ta' l-ewwel (1) akkuza u kkundannatha ammenda ta' ghoxrin ewro (Eur20) u wkoll tal-hames (5) akkuza u kkundannata ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (Eur25) filwaqt li ma sabitiex hatja tat-tieni (2), tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza u konsegwentement illbieratha minnhom.

Il-Qorti flimkien mal-piena hawn fuq inflitta, ordnat ukoll lill-imputata sabiex, taht penali ta' elf ewro (€1000) ma tkellimx u ma timmolestax lil Gordon Agius ghal perjodu ta' sena mil-llum u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmija Stefania Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 2013, fejn talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja u tillibera mill-kumplament u hekk tilliberaha minn kull htija u piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Dwar l-ingurji

Kif jirrizulta mill-affidavit ta' WPS158 Gillian Henwood, il-kliem ingurjuz li ntqal kien lejn Maria Pia Zammit illi ma jikkonfigura bl-ebda mod fl-akkuzi. Gordon Agius ma qalx illi hu b'xi mod gie ingurjat b'xi kliem li qalet Stefania Mifsud. Fil-fatt il-kliem li ntqal, anke lejn Maria Pia Zammit, kien minn Tania Mifsud u mhux minn ommha Stefania Mifsud. Ghalhekk ma kienx hemm l-ebda prova ta' ingurja. Dan kien intqal ukoll minn Gordon Agius a tempo vergine lill-pulizija u rega' kkonfermah quddiem il-Qorti. Pero' il-Qorti sabet htija ta' din l-akkuza.

2. Dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika

Dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, dan ma jistax jiftiehem illi wiehed jekk jaqla' xebgha jew jigi aggredit u naturalment jghajjat minhabba s-sitwazzjoni li jisb

ruhu fiha, ikun qed jikser il-paci pubblika. Biex jikser il-paci pubblika jrid ikun hemm theddida ghal dik il-paci pubblika. Imma Allahares min jigi aggredit ma jistax jghajjat. Ghaliexa anke jekk wiehed jghajjat ghall-ajjut ikun qieghed jikser il-paci pubblika bl-ghajjat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tlettax (13) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' tal-hdax u nofs ta' billejl (11.30 p.m.) Gordon Agius irrapporta l-ghassa tal-pulizija illi waqt illi kien qieghed fil-gallerija ratu l-appellanta Stefania Mifsud, qabdet tghajjru flimkien mal-partner tieghu Maria Pia Zammit. Ghalhekk il-pulizija ipprocedew fil-konfront tal-appellanta u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel akkuza u cioé li kisret il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u bi glied, illiberata mit-tieni, it-tielet, ir-raba' akkuzi u sabitha hatja tal-hames akkuza ingurji u theddid fil-konfront ta' Gordon Agius u ikkundannatha ghal ghoxrin ewro (€20) emenda ghall-ewwel imputazzjoni u hamsa u ghoxrin ewro (€25) emenda ghal hames imputazzjoni. L-appellanti hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell u dan peress illi l-kliem illi ntqal bejnha u bejn Gordon Agius kif ukoll ma' Maria Pia Zammit ma jistax jigi kunsidrat bhala ingurja u fit-tieni kaz illi ma kienx hemm ksur tal-paci pubblika.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda ingurja permezz tas-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tal-elfejn u erbatax (2014) il-parti leza Gordon Agius irrinunzja ghal dik l-imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni l-appellanti eccepiet il-preskrizzjoni ta' tlett xhur. U fuq dan il-Qorti trid taghmel il-konsiderazzjoni taghha.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi l-incident meritu ta' dan il-kaz sar fit-tlettax (13) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) u l-ewwel data tan-notifika tal-appellanti ggib id-data ghoxrin (20) ta' Settembru tal-elfejn u tlettax (2013), f'liema data kwindi l-perjodu preskrittiv ta' tlett xhur lahaq skada u l-azzjoni fil-konfront ta' din l-imputazzjoni ma setghetx titmexxa. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-aggravji tal-appellanti f'dan il-kuntest ghandhom ikunu milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames imputazzjoni stante r-rinunzja tal-kwerelant, tiddikjara l-ewwel imputazzjoni bhala preskritta u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tordna l-liberazzjoni tal-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------